# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

15 ta' Ottubru 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Kwalità tal-karburanti tad-diżil — Speċifikazzjoni teknika nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' kwalità addizzjonali b'paragun mad-dritt tal-Unjoni"

Fil-Kawża C-251/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Kecskemét közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta' Kecskemét, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' April 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Mejju 2014, fil-proċedura

**György Balázs**

vs

**Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, F. Biltgen, E. Levits, M. Berger u S. Rodin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' April 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal G. Balázs, minn M. Miszkuly, ügyvéd,

— għan-Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága, minn B. Gyenge, jogtanácsos,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Fehér u G. Koós, bħala aġenti,

— għall-Gvern Grieg, minn I. Bakopoulos u V. Stroumpouli, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Tokár u K. Mifsud-Bonnici, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2015,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 4(1) u 5 tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta’ Ottubru 1998, dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 23, p. 182), kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta’ Settembru 2003, li jadatta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE id-dispożizzjonijiet dwar kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta’ implimentazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti suġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 447, iktar ’il quddiem id-“Direttiva 98/70”), kif ukoll tal-Artikolu 1(6) u (11) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta’ Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE, tal-20 ta’ Novembru 2006, li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-moviment liberu ta’ merkanzija, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 352, p. 709, iktar ’il quddiem id-“Direttiva 98/34”).

2 Din it-talba tressqet fl-ambitu ta’ kawża bejn G. Balász u n-Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Vám- és Pénzügyőri Főigazgatósága (Direttorat Ġenerali tat-Taxxi tar-Reġjun ta’ Del-alföld suġġett għas-Servizz Nazzjonali tat-Taxxi u Imposti, iktar ’il quddiem id-“Direttorat Reġjonali tat-Taxxi”) dwar il-legalità ta’ deċiżjoni amministrattiva li timponi fuqu, senjatament, multa fiskali peress li ma ħallasx id-dazju tas-sisa fuq l-istokkijiet tiegħu tal-karburant tad-diżil.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Direttiva 98/70

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/70, intitolat “Il-kamp ta’ applikazzjoni”, jipprovdi:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għal raġunijiet ta’ saħħa u ambjent għal karburanti li jintużaw għall-vetturi mgħammra b’magni b’positive ignition u magni li jaqbdu bil-kompressjoni.”

4 L-Artikolu 4 ta’ din id-direttiva, intitolat “Karburant tad-diżil”, jipprovdi, fil-paragrafu 1(e) tiegħu:

“Mhux iktar tard mill-1 ta’ Jannar 2009, l-Istati Membri għandhom jiżguraw […] illi l-karburant tad-diżil jista’ jitqiegħed is-suq fit-territorju tagħhom biss jekk jikkonforma ta’ l-ispeċifikazzonijiet ambjentali ddikjarati fl-Anness IV għajr għall-kontenut tal-kubrit li għandu jkun ta’ massimu ta’ 10 mg/kg.”

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Ċirkolazzjoni libera”, jipprovdi:

“L-ebda Stat Membru ma jista’ jipprojbixxi, jirrestrinġi jew jipprevieni t-tqiegħid fis-suq ta’ karburanti li jaqblu mal-ħtiġiet ta’ din id-Direttiva.”

6 L-Artikolu 6 ta' din l-istess direttiva, intitolat "Marketing ta' karburanti bi speċifikazzjonijiet ambjentali aktar stretti", jipprovdi:

"1. Bħala deroga mill-Artikoli 3, 4 u 5 u skont l-Artikolu 95(10) tat-Trattat, Stat Membru jista' jieħu miżuri sabiex jeħtieġ illi f'żoni speċifiċi, ġewwa t-territorju tiegħu, il-karburanti jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jikkonformaw ma' speċifikazzjoniet ambjentali aktar stretti minn dawk ipprovduti f'din id-Direttiva għall-flotta kollha tal-vetturi jew parti minnha bil-ħsieb li jipproteġu s-saħħa tal-popolazzjoni f'agglomerazzjoni speċifika jew l-ambjent f'żona speċifika sensittiva għall-ekoloġija jew l-ambjent f'dan l-Istat Membru, jekk t-tniġġis atmosferiku jew tal-ilma tal-qiegħ jikkostitwixxi, jew jista' jkun mistenni raġjonevolment li jikkostitwixxi, problema gravi u rikorrenti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

2. Stat Membru li jixtieq li juża deroga provduta fil-paragrafu 1 għandu jissottometti t-talba tiegħu bil-quddiem, inkluża il-ġustifikazzjoni għaliha, lill-Kummissjoni. Din il-ġustifikazzjoni għandha tinkludi xiehda li d-deroga tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u li ma tħarbatx il-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija.

[...]"

7 L-Anness IV tad-Direttiva 98/70 jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet ambjentali applikabbli għall-karburanti fis-suq intiżi għall-użu fil-vetturi mgħammra b'magni li jaqbdu bil-kompressjoni. F'dan l-anness, ġew stabbiliti limiti għall-parametri li ġejjin, jiġifieri n-numru tas-cetane, id-densità bi 15°C, id-distillazzjoni, l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u l-kontenut tal-kubrit.

Id-Direttiva 2009/38/KE

8 Il-premessa 31 tad- Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, li temenda d-Direttiva 98/70 sa fejn din tirrigwarda l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140, p. 88), tipprovdi:

"Ikun xieraq li jiġi adattat l-Anness IV għad-Direttiva 98/70/KE biex ikun possibbli t-tqegħid fis-suq ta' karburanti tad-diżil b'kontenut ogħla ta' bijokarburant ('B7') minn dak previst fl-istandard EN 590:2004 ('B5'). Dan l-istandard għandu jiġi aġġornat kif meħtieġ u għandu jistabbilixxi limiti għall-parametri tekniċi mhux inklużi f'dak l-Anness, bħall-istabbiltà tal-ossidazzjoni, il-flash point, ir-residwu tal-karbonju, il-kontenut tal-irmied, il-kontenut tal-ilma, il-kontaminazzjoni totali, il-korrużjoni tal-istrixxa tar-ram, il-lubriċità, il-viskożità kinematika, il-punt ta' dardir, il-punt fejn jitwaħħal il-filtru kiesaħ, il-kontenut ta' fosfru, l-indiċi tal-aċidu, il-perossidi, il-varjazzjoni fl-indiċi tal-aċidi, it-tniġġis tal-injettur u ż-żieda ta' addittivi għall-istabbiltà."

Id-Direttiva 98/34

9 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw it-tifsriet li ġejjin:

[...]

3) 'speċifikazzjoni teknika', speċifikazzjoni li tinsab f'dokument li jistabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott bħalma huma l-livelli ta' kwalità, ir-riżultat tal-ħidma, is-sigurtà jew id-dimensjonijiet, inklużi l-ħtiġiet li japplikaw għall-prodott rigward l-isem li bih il-prodott jinbiegħ, it-terminoloġija, is-simboli, l-eżaminazzjoni u l-metodi ta' l-eżaminazzjoni, l-imballaġġ, l-immarkar jew l-ittikkettjar u l-proċeduri ta' stima tal-konformità.

[...]

6) 'standard', speċifikazzjoni teknika approvata minn korp rikonoxxut ta' l-istandardizzazzjoni għal applikazzjoni mtennija jew kontinwa, li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja u li hija waħda minn dawn li ġejjin:

— [...]

— standard Ewropew: standard adottat minn organizzazzjoni Ewropea ta' l-istandardizzazzjoni u magħmul disponbbli għall-pubbliku,

— standard nazzjonali: standard adottat minn organizzazzjoni nazzjonali ta' l-istandardizzazzjoni u magħmul disponbbli għall-pubbliku;

[...]

11) 'regolament tekniku', speċifikazzjonijiet tekniċi u ħtiġiet oħra jew regoli dwar servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti, li l-osservanza tagħhom hija obbligatorja, *de jure* jew *de facto*, fil-każ tat-tqegħid fis-suq, il-forniment ta' servizz, l-istabbiliment ta' operatur tas-servizz jew l-użu fi Stat Membru jew f'parti l-kbira minnu, kif ukoll il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri […] li jipprojbixxu l-fabbrikazzjoni, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodott, jew li jipprojbixxu l-forniment jew l-użu ta' servizz, jew l-istabbiliment ta' fornitur tas-servizz.

Ir-regolamenti tekniċi *de facto* jinkludu:

— il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru li jirreferu għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi [...] li l-ħarsien tagħhom jagħti preżunzjoni ta' konformità ma' l-obbligi imposti mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija iktar 'il fuq,

[...]"

10 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Soġġetti għall-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw fil-pront lill-Kummissjoni kull abbozz ta' regolament tekniku, għajr fejn dan sempliċiment jittrasponi t-test ta' standard internazzjonali jew Ewropew, f'liema każ l-informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-istandard rilevanti tkun biżżejjed; għandhom ukoll iħallu lill-Kummissjoni tagħmel dikjarazzjoni dwar ir-raġunijiet li jagħmlu meħtieġa l-leġislazzjoni ta' dan ir-regolament tekniku, fejn dawn ma jkunux diġà ġew magħmula ċari fl-abbozz."

L-istandards Ewropej

11 Kif jirriżulta mill-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE,

2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, p. 12), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni huwa rrikonoxxut mill-Unjoni Ewropea bħala organizzazzjoni Ewropea ta' standardizzazzjoni.

12 Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni adotta għall-ewwel darba matul is-sena 1993 standard għall-karburanti tad-diżil Ewropej, jiġifieri l-istandard EN 590:1993, li ppreskriva, speċifikament, il-flash point jew il-punt ta' fjammabbiltà, billi indika l-iktar temperatura baxxa li fiha fjuwil jipproduċi biżżejjed stim sabiex jifforma, mal-arja ta' madwar, taħlita ta' gass li tieħu n-nar malli tiġi f'kuntatt ma' sors kalorifiku barrani, u din it-temperatura hija ta' mill-inqas 55°C għal dawn il-karburanti. Dan il-valur ġie riprodott b'mod identiku fl-istandards ta' sostituzzjoni EN 590:1999, EN 590:2009 u EN 590:2013.

*Id-dritt Ungeriż*

Id-Digriet Ministerjali 20/2008 u l-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009

13 Fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, il-kundizzjonijiet kwalitattivi marbuta mad-diżil kienu stabbiliti mid-Digriet Ministerjali 20/2008 tal-Ministru tat-Trasport, tal-Komunikazzjoni u tal-Enerġija, tat-22 ta' Awwissu 2008, dwar ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-karburanti. Dan id-digriet, intiż sabiex jittrasponi, partikolarment, id-Direttiva 98/70, ma kien jipprovdi ebda rekwiżit dwar il-punt ta' fjammabbiltà tal-karburanti tad-diżil.

14 Min-naħa l-oħra, l-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009, li kien intiż sabiex jittrasponi l-istandard Ewropew EN 590:2009, kien jinkludi tali rekwiżit dwar il-punt ta' fjammabbiltà tal-karburant tad-diżil.

L-Att XXVIII tal-1995, dwar l-istandardizzazzjoni nazzjonali

15 L-Artikolu 3(c) u (h) tal-Att XXVIII tal-1995, dwar l-istandardizzazzjoni nazzjonali, jipprevedi:

"Il-prinċipji fundamentali li ġejjin huma applikabbli fl-istandardizzazzjoni nazzjonali:

[...]

c) in-natura volontarja tal-parteċipazzjoni fl-istandardizzazzjoni nazzjonali, minn naħa, u l-applikazzjoni tal-istandards nazzjonali, min-naħa l-oħra,

[...]

h) l-adattament għall-istandardizzazzjoni internazzjonali u Ewropea".

16 L-Artikolu 6(1) tal-imsemmija liġi jipprovdi:

"L-applikazzjoni ta' standard nazzjonali hija volontarja."

17 L-Artikolu 8(1)(b) tal-istess liġi jipprovdi:

"Il-funzjonijiet tal-Uffiċċju Ungeriż ta' standardizzazzjoni jinkludu:

[...]

b) il-pubblikazzjoni tal-istandards Ewropej bħala standards nazzjonali, konformement mal-funzjonijiet ta' armonizzazzjoni marbuta magħhom u mat-termini imposti fuq l-organi membri tal-organizzazzjonijiet Ewropej ta' standardizzazzjoni".

L-Att dwar id-dazju tas-sisa

18 L-Artikolu 110(13) tal-Att CXXVII tal-2003, li jipprovdi regoli speċjali dwar id-dazju tas-sisa u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa (iktar 'il quddiem il-"Att dwar id-dazju tas-sisa"), jipprevedi:

"[…] Mit-tank tal-ħżin ta' pompi oħrajn [mhux minn pompi għall-provvista tal-ajruplani] jistgħu jinbiegħu biss żejt tal-gass bil-kodiċi tariffarju 2710 19 41, żejt tat-tisħin bil-kodiċi tariffarju 2710 19 41 u 2710 19 45, li jikkorrispondu mal-istandard Ungeriż fis-seħħ […], u addizzjonalment […] bijodiżil u E85 xieraq li jikkorrispondu mal-istandard Ungeriż fis-seħħ, u esklużivament permezz ta' pompa tal-fjuwil."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

19 Fil-5 ta' Ottubru 2009, l-istokkijiet tal-karburant tad-diżil ta' G. Balász ġew suġġetti għal kontroll fiskali skont il-leġiżlazzjoni dwar id-dazju tas-sisa.

20 Waqt l-analiżi ta' kampjun estratt għal din l-okkażjoni, ġie kkonstatat li l-punt ta' fjammabbiltà tal-karburant tad-diżil ma kienx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009. Fil-fatt, il-valur ikkonstatat kien ta' 44 °C minflok il-valur ogħla ta' 55 °C previst skont dan l-istandard.

21 À Kiskőrös (l-Ungerija), l-aġenzija lokali tad-Direttorat tal-Finanzi tal-Kumitat ta' Bács-Kiskun, li taqa' taħt l-amministrazzjoni nazzjonali tat-taxxi u l-imposti, ikkonstatat, permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 2013, li G. Balázs kien kiser l-Att dwar id-dazju tas-sisa u imponiet fuqu l-ħlas ta' HUF 4 418 080 (madwar EUR 14 138) bħala multa fiskali, HUF 883 616 (madwar EUR 2 828) bħala dazju tas-sisa u HUF 58 900 (madwar EUR 189) bħala spejjeż tal-perizja. Id-Direttorat Reġjonali tat-Taxxi kkonferma din id-deċiżjoni fit-13 ta' Ġunju 2013.

22 G. Balász jikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Kecskeméti közigazgatási és munkaügyi bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta' Kecskemét) billi jinvoka, partikolarment, id-Direttiva 98/34 u l-Att XXVIII tal-1995, dwar l-istandardizzazzjoni nazzjonali, li jipprovdu li l-applikazzjoni ta' standard nazzjonali, bħall-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009, hija volontarja.

23 Il-qorti tar-rinviju tinnota, barra minn hekk, li dan l-istandard ma kienx disponibbli bil-lingwa Ungeriża fid-data tal-kontroll fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kecskeméti közigazgatási és munkaügyi bíróság (qorti amministrattiva u tax-xogħol ta' Kecskemét) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikoli 4(1) u 5 tad-Direttiva 98/70 [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li, minbarra l-kundizzjonijiet kwalitattivi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali adottati abbażi ta' din id-direttiva, leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax timponi fuq id-distributuri tal-karburanti, kundizzjonijiet kwalitattivi addizzjonali għal dawk previsti mid-direttiva?

2) Il-punti 6 u 11 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 [...] għandhom jiġi interpretati fis-sens li, jekk regolament tekniku (f'dan il-każ, Digriet Ministerjali adottat skont awtorizzazzjoni leġiżlattiva) jkun fis-seħħ, l-applikazzjoni ta' standard nazzjonali stabbilit fl-istess qasam tista' tkun biss volontarja, jiġifieri li l-liġi ma tistax timponi l-applikazzjoni obbligatorja?

3) Il-kriterju tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-istandard nazzjonali skont il-punt 6 [tal-Artikolu 1] tad-Direttiva 98/34/KE, huwa sodisfatt minn regola li, fil-mument li, skont l-awtoritajiet, kellha tiġi applikata, ma kinitx disponibbli fil-lingwa nazzjonali?"

## Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

25 Id-Direttorat Reġjonali tat-Taxxi kkontesta, fis-seduta, l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari peress li d-domandi preliminari ma għandhomx rabta mal-fatti tal-kawża prinċipali. Fil-fehma tiegħu, id-deċiżjoni kkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju tipprevedi biss dazji tas-sisa li ma kinux tħallsu u ma tissanzjonax speċifikament il-ksur tar-rekwiżiti ta' kwalità marbuta mal-karburanti tad-diżil.

26 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha, kuntest li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tevalwa l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara, partikolarment, is-sentenzi Budějovický Budvar, C-478/07, EU:C:2009:521, punt 63; Zanotti, C-56/09, EU:C:2010:288, punt 15, kif ukoll Melki u Abdeli, C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 27).

27 Issa, fil-każ ineżami, jekk stess jitqies li d-deċiżjoni kkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju ma għandhiex direttament l-għan li tissanzjona l-ksur tar-rekwiżiti ta' kwalità marbuta mal-karburanti tad-diżil, xorta waħda jibqa' l-fatt li, kif id-Direttorat Reġjonali tat-Taxxi afferma, ir-riżultati tal-eżami dwar il-punt ta' fjammibbiltà ppermettew, fi kwalunkwe każ, li jiġi kkonstatat li G. Balász kien biegħ karburant li huwa suġġett għal taxxa ogħla minn dik applikabbli għall-karburanti tad-diżil.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi sostnut li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba mil-qorti tar-rinviju ma għandha manifestament ebda rabta mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

29 Minn dan jirriżulta li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

30 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 4(1) u 5 tad-Direttiva 98/70 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu Stat Membru milli jipprevedi, fid-dritt nazzjonali tiegħu, rekwiżiti ta' kwalità addizzjonali, b'paragun ma' dawk inklużi f'din id-direttiva, għall-kummerċjalizzazzjoni tal-karburanti tad-diżil, bħalma huwa dak tal-punt ta' fjammibbiltà, inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

31 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu, qabelxejn, jiġi rrilevat, minn naħa, li, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/70, ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi, jillimita jew jipprekludi t-tqegħid fis-suq ta' karburanti li jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva.

32 Min-naħa l-oħra, mill-bażi legali tad-Direttiva 98/70 u l-emendi sussegwenti tagħha, jiġifieri, rispettivament, l-Artikolu 100A KE u l-Artikolu 95 KE (li saru l-Artikolu 114 TFUE), li jipprevedu l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri bil-għan tal-istabbiliment u tal-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll mill-premessa 1 ta' din id-direttiva, jirriżulta li din għandha l-għan li tapprossima d-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri sabiex telimina disparitajiet li jista' jkun hemm fil-qasam tal-ispeċifikazzjonijiet applikabbli għall-karburanti.

33 B'hekk, jirriżulta kemm mill-kliem tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/70 kif ukoll mill-għan ta' din id-direttiva li din tal-aħħar tipprevedi, fir-rigward, partikolarment, tal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tal-istess direttiva, moqri flimkien mal-Annessi II u IV tagħha, li timponi rekwiżiti ta' natura eżawrjenti li minnhom l-Istati Membri jistgħu jidderogaw biss taħt il-kundizzjonijiet stretti tal-istess direttiva.

34 Madankollu, kif l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punti 39 sa 47 tal-konklużjonijiet tagħha, il-konstatazzjoni li saret fil-punt preċedenti tapplika biss fil-limitu tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 98/70, jiġifieri sa fejn dawn ikunu speċifikazzjonijiet tekniċi marbuta mal-karburanti li din id-direttiva hija intiża li tarmonizza.

35 Fil-fatt, mit-termini tal-Artikolu 1 tal-istess direttiva, li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, jirriżulta li din l-istess direttiva tirrigwarda l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-karburanti kkonċernati għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.

36 Konformement mal-għan tad-Direttiva 98/70, l-ispeċifikazzjonijiet previsti fl-Annessi I sa IV ta' din id-direttiva huma intitolati "speċifikazzjonijiet ambjentali".

37 Barra minn hekk, is-sistema ta' derogi prevista fl-Artikolu 6 tal-istess direttiva tikkonċerna biss l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet iktar stretti minn dawk previsti minnha, jiġifieri, kif jirriżulta mill-paragrafu 1 tal-istess artikolu, dawk li jipproteġu "s-saħħa tal-popolazzjoni f'agglomerazzjoni speċifika jew l-ambjent f'żona speċifika sensittiva għall-ekoloġija jew l-ambjent".

38 Minn dan isegwi li d-Direttiva 98/70 ma għandhiex l-għan li tarmonizza r-rekwiżiti ta' kwalità jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha li jistgħu japplikaw għall-karburanti previsti u, konsegwentement, li tipprojbixxi lill-Istati Membri milli jipprevedu restrizzjonijiet jew derogi f'dan ir-rigward, iżda tipprevedi biss l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi marbuta mal-karburanti li għandhom portata ambjentali fis-sens ta' din id-direttiva, jiġifieri dawk li huma bbażati fuq kunsiderazzjonijiet tas-saħħa u tal-ambjent.

39 Issa, fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-punt ta' fjammibbiltà tal-karburant tad-diżil, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li kemm mid-definizzjoni teknika ta' dan il-parametru, kif riprodotta fil-punt 12 ta' din is-sentenza, kif ukoll mill-affermazzjonijiet tal-partijiet tal-kawża prinċipali fis-seduta, jirriżulta li din l-ispeċifikazzjoni sservi, prinċipalment, sabiex tiżgura s-sigurtà tal-karburant tad-diżil bħala prodott u tassumi, ukoll, importanza għall-funzjonament u l-protezzjoni tal-magni tal-vetturi bil-mutur. B'dan il-mod, l-istabbiliment tal-punt ta' fjammibbiltà huwa intiż, *inter alia*, sabiex jipproteġi lill-konsumaturi mid-danni li jistgħu jiġu sostnuti fil-vetturi tagħhom.

40 Konsegwentement, id-Direttiva 98/70, u partikolarment l-Artikolu 5 tagħha, ma hijiex applikabbli għal speċifikazzjoni bħalma hija dik tal-punt ta' fjammibbiltà inkwistjoni fil-kawża prinċipali u, għalhekk, ma tistax tipprekludi lill-Istati Membri milli jissuġġettaw it-tqegħid fis-suq tal-karburanti tad-diżil għal tali rekwiżit, sa fejn dan ma jikkostitwixxix speċifikazzjoni teknika dwar is-saħħa u l-ambjent fis-sens ta' din id-direttiva.

41 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-premessa 31 tad-Direttiva 2009/30 tirreferi espressament għall-adattament tal-istandard EN 590:2004 u għall-"istabbiliment tal-limiti għall-parametri tekniċi mhux inklużi [fl-Anness IV tad-Direttiva 98/70]", fosthom il-punt ta' fjammibbiltà, u dan jikkorrobora l-fatt li din id-direttiva ma tostakolax mill-ewwel dan it-tip ta' parametri addizzjonali.

42 Sa fejn l-ispeċifikazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taqax, għalhekk, fil-qasam armonizzat tad-Direttiva 98/70, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li Stat Membru jista' jissuġġetta t-tqegħid fis-suq fit-territorju tiegħu ta' prodott, li ma jkunx kopert minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jew irrikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, biss għal rekwiżiti li jkunu konformi mal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattat TFUE, senjatament, f'dan il-każ, mal-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija stipulat fl-Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs il-Portugall, C-432/03, EU:C:2005:669, punt 35, u Lidl Magyarország, C-132/08, EU:C:2009:281, punt 45).

43 Fit-tieni lok, għandu jiġi nnotat li, konformement mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/34, huwa l-kompitu tal-Istati Membri li, sabiex jippermettu kontroll preventiv fir-rigward tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-moviment liberu tal-merkanzija u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tal-ostakoli li jistgħu jinħolqu f'dan ir-rigward, jgħaddu lill-Kummissjoni, qabel ma jidħlu fis-seħħ, l-abbozzi tad-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom speċifikazzjonijiet tekniċi jingħataw saħħa vinkolanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Sandström, C-433/05, EU:C:2010:184, punt 42, kif ukoll Belgische Petroleum Unie *et*, C-26/11, EU:C:2013:44, punti 49 u 50).

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, għall-ewwel domanda għandha tingħata r-risposta li l-Artikoli 4(1) u 5 tad-Direttiva 98/70 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux lil Stat Membru milli jipprevedi, fid-dritt nazzjonali tiegħu, rekwiżiti ta' kwalità addizzjonali, b'paragun ma' dawk inklużi f'din id-direttiva, għall-kummerċjalizzazzjoni tal-karburanti tad-diżil, bħalma huwa dak dwar il-punt ta' fjammibbiltà inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn dan ma huwiex speċifikazzjoni teknika tal-karburanti tad-diżil b'rabta mal-protezzjoni tas-saħħa jew tal-ambjent għall-finijiet tal-imsemmija direttiva.

*Fuq it-tieni domanda*

45 B'mod preliminari, għandu jiġi rrilevat li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009, li jipprevedi l-ispeċifikazzjoni dwar il-punt ta' fjammibbiltà tal-karburant tad-diżil inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li huwa intiż li jittrasponi l-istandard Ewropew EN 590:2009, ġie reż obbligatorju fid-dritt Ungeriż permezz tal-Artikolu 110(13) tal-Att dwar id-dazju tas-sisa.

46 F'dan il-kuntest, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar jekk l-Artikolu 1(6) u (11) tad-Direttiva 98/34 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru milli jrendi obbligatorju standard nazzjonali bħalma huwa l-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009 inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li ma hemm xejn li jindika li mill-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 98/34, li jinkludi biss definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi, senjatament, standard Ewropew jew nazzjonali fis-sens ta' din id-direttiva, u mill-Artikolu 1(11) ta' din id-direttiva, li jiddefinixxi l-kunċett ta' "regola teknika", jirriżulta li tali standard ma jistax, kompletament jew parzjalment, jiġi reż obbligatorju mil-leġiżlatur ta' Stat Membru.

48 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li mill-kliem tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 98/34 jirriżulta li standard Ewropew jew internazzjonali jista' jiġi reż obbligatorju minn Stat Membru billi jittrasponih f'regola teknika li jkollha, bħala definizzjoni, saħħa vinkolanti. Kif

l-Avukat Ġenerali rrilevat fil-punt 65 tal-konklużjonijiet tagħha, ma hemm ebda raġuni sabiex jitqies li huwa mod ieħor fir-rigward ta' standard nazzjonali, partikolarment meta, bħal fil-kawża prinċipali, dan jikkorrispondi għal standard Ewropew.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għat-tieni domanda għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 1(6) u (11) tad-Direttiva 98/34 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix lil Stat Membru milli jrendi obbligatorju standard nazzjonali bħalma huwa l-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009 inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

*Fuq it-tielet domanda*

50 B'mod preliminari, għandu jiġi osservat li mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li, fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, l-istandard nazzjonali MSZ EN 590:2009 ma kienx disponibbli bil-lingwa Ungeriża, iżda kien disponibbli biss bil-lingwa Ingliża.

51 Huwa f'dan il-kuntest u fid-dawl tal-kriterju tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' standards, previst fl-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 98/34, li, bit-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li teżiġi li standard nazzjonali fis-sens tal-istess dispożizzjoni għandu jsir disponibbli bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

52 F'dan ir-rigward, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 47 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 98/34 jinkludi biss definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi standard għall-finijiet ta' din id-direttiva, peress li din id-dispożizzjoni ma hijiex, barra minn hekk, intiża sabiex tippreskrivi, bħala tali, rekwiżiti dwar l-istandards, iżda sabiex tistabbilixxi proċedura ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamentazzjonijiet tekniċi u, għalhekk, kontroll preventiv sabiex jiġi protett il-moviment liberu tal-merkanzija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Belgische Petroleum Unie *et*, C-26/11, EU:C:2013:44, punt 49).

53 Għalhekk, fin-nuqqas ta' kull indikazzjoni, f'dan ir-rigward, fl-imsemmija direttiva, mill-Artikolu 1(6) tal-istess direttiva ma jistax jiġi dedott rekwiżit li jeżiġi li standard fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, disponibbli bil-lingwa Ingliża, għandu jsir disponibbli bil-lingwa tal-Istat Membru kkonċernat.

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, għat-tielet domanda għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 98/34 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeżiġix li standard fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għandu jsir disponibbli bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

**Fuq l-ispejjeż**

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikoli 4(1) u 5 tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 1998, dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux lil Stat Membru milli jipprevedi, fid-dritt nazzjonali tiegħu, rekwiżiti ta' kwalità addizzjonali, b'paragun ma' dawk inklużi f'din id-direttiva,**

**għall-kummerċjalizzazzjoni tal-karburanti tad-diżil, bħalma huwa dak dwar il-punt ta' fjammibbiltà inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn dan ma huwiex speċifikazzjoni teknika tal-karburanti tad-diżil b'rabta mal-protezzjoni tas-saħħa jew tal-ambjent għall-finijiet tal-imsemmija direttiva.**

2) **L-Artikolu 1(6) u (11) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE, tal-20 ta' Novembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix lil Stat Membru milli jrendi obbligatorju standard nazzjonali bħalma huwa l-istandard Ungeriż MSZ EN 590:2009 inkwistjoni fil-kawża prinċipali.**

3) **L-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 98/34, kif emendat bid-Direttiva 2006/96, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeżiġix li standard fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għandu jsir disponibbli bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.**

Firem